# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 38**
**Rikors Guramentat Numru : 146/2017/LSO**

**Mary Rose Mifsud (ID Nru. 788454M), Margaret Grech (ID Nru. 811355M) u Monica Aquilina (ID Nru. 795156M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mary Rose Mifsud, Margaret Grech u Monica Aquilina, rispettivament dententuri tal-karta ta' l-identita' bin-numru 788454(M), 811355(M) u

795156(M) datat 16 ta’ Frar 2017 fejn bir-rispett Monica Aquilina (ID Nru. 795156M) bil-gurament taghha ikkonferma illi hija taf personalment bis-segwenti fatti: -

Illi l-esponenti - Ikoll ahwa u wlied il-mejtin Ermidio Caruana u Antonia nee' Maniscalco - kienu gew flimkien innominati eredi universali ta' zijithom Giuseppina *sive* Josephine Galea u padruni assoluti tal-gid kollu taghha, u dan skont kif jirrizulta mit-testment fl-Atti tan-Nutar Dr. Francis Micallef datat l-4 ta' Gunju 2011 (Kopja Awtentikata tal-*Causa Mortis* relattiva fl-Atti tan-Nutar Dr Vanessa Grech datata d-29 ta' April 2015 u mmarkata bhala **Dok A**);

Illi l-imsemmija Giuseppina *sive* Josephine Galea illi mietet fid-19 ta' Novembru 2014, tigi oht Antonia Caruana nee' Maniscalco (omm l-esponenti) u bint il-mejtin Giovanni Battista Galea u Maria Assunta nee' Mansicalco;

Illi l-esponenti ahwa Caruana llum qeghdin fil-process illi jbieghu xi proprjeta' illi huma kienu wirtu minghand zijithom id-*decujus* Giuseppina *sive* Josephine Galea kif fuq premess - fil-kaz odjern is-sehem ta' zewg terzi indivizi (2/3) mill-fond bin-numru tmienja u tletin (38) (gja tlieta u ghoxrin - 23), bl-isem *Saint Lawrence,* li jinsab fi Triq l-lsqof Labini, Birkirkara;

Illi esponenti hawn imsemmija sabu ruhhom rinfaccjati b'ostakolu in konnessjoni mat-trasferiment tal-propjeta' fuq indikata, u dan *stante* illi rrizultat diskrepanza relattiva ghall-isem ta' missier it-testatrici Giuseppina *sive*

Josephine Galea - cioe' l-isem ta' *Giovanni Battista Galea* illi jigi n-nannu tal-esponenti ahwa Caruana;

Illi l-fuq indikat Giovanni Battista Galea illi miet fil-21 ta' Awwissu 1973 jinsab erronjament indikat bhala *Joseph Baptist Galea* fic-certifikat tal-mewt tieghu (Att. Nru 1999/1973 mmarkat bhala **Dok B**);

Illi l-imsemmi 'Giovanni Battista Galea' kien minn dejjem maghruf b'dan l-isem jew bil-verzjoni iqsar tal-istess isem u cioe` 'Gio Batta' - kif jirrizulta dan tal-ahhar anke mill-Att tat-Twelid tieghu (Numru 695/1898);

Illi kemm fl-Att taz-Zwieg tieghu (Certifikat Numru 422/1925) u kif ukoll f'dokumentazzjoni ohra bhal ma huwa l-Att tal-Mewt ta' bintu Antonia Caruana (omm l-esponenti) (Certifikat Numru 2422/2004) jinsab imnizzel l-isem 'Giovanni Battista' (Dok. D u Dok. E rispettivament annessi);

Illi certament qatt ma kien maghruf l-imsemmi Giovanni Battista (jew Gio Batta) bhala *'Joseph Baptist'* kif illum jinsab indikat fl-Att tal-Mewt su-riferit (Numru 1999/1973), u lanqas qatt ma kien indikat l-istess Giovanni Battista (jew Gio Batta) bhala *'Joseph Baptist'* fuq xi dokumentazzjoni ufficjali ohra;

Illi fic-cirkostanzi hawn dettaljati, u wkoll sabiex l-esponenti jkunu jistghu jipprocedu bit-trasferiment tal-propjeta' fuq indikata illi huma flimkien wirtu minghand zijithom

Giuseppina *sive* Josephine Galea, ikun opportun illi ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tal-mewt ta' Giovanni Battista Galea;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, inkluz billi tordna l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artiklu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tordna lill-intimat jaghmel id-debita korrezzjoni fl-Att tal-Mewt ta' Giovanni Battista Galea - liema Att igib in-numru tal-iskrizzjoni wiehed disgha disgha disgha tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (Nru. 1999/1973) - fis-sens illi fejn jidher l-isem *'Joseph Baptist'* dan ghandu jithassar u minflok jitnizzel l-isem '*Giovanni Battista'* jew '*Gio Batta'.*

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Marzu 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' Marzu 2017 (fol 50) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi **l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekori;

2. Illi fil-mertu tal-kaz odjern, l-esponent jiddikjara li mhux edott mill-fatti. Minkejja dan, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 1999/1973 salv pero' illi tali korrezzjoni ssir b'tali mod illi tirrispekkja d-dettalji mnizzla fl-Att tat-Twelid 695 tas-sena 1898, anness u mmarkat bhala 'DOK DRP 1', u cioe' li l-isem jigi korrett minn 'Joseph Baptist Galea' ghal 'Gio Batta Galea';

3. Illi l-esponenti jeccepixxi illi l-azzjoni tal-atturi m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u dan *stante* li l-informazzjoni fl-att tal-mewt giet inserita skont ma ddikjarat il-persuna illi ghamlet tali notifika tal-mewt. *In vista* ta' dan l-esponent ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta’ Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr

Ian Spiteri Bailey. Dehret Dr Stephanie Ellul ghall-intimat, li ghaddiet ruhha b'notifikata ghan-nom tal-Avukat Generali u strahet fuq ir-risposta taghha ghal rigward il-kap tal-ispejjez, izda ma sabitx oggezzjoni fuq it-talba fil-mertu, hlief li l-isem korrett ghandu jkun Gio Batta Galea. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u r-rikorrenti, li ma opponewx li jbatu l-ispejjez ta din il-kawza. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' April 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-17 ta' Frar 2017(fol 49).

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta' Joseph Baptist Galea kif registrat fl-att tal-mewt tieghu jigi korrett, billi l-isem "Joseph Baptist" jigi sostitwit bl-isem "Giovanni Battista" jew "Gio Batta`".

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi r-rikorrenti spjegaw fir-rikors promotur, li huma werrieta universali taz-zija taghhom, Giuseppina sive Josephine Galea, hekk kif jirrizulta minn testment datat 4 ta’ Gunju 2011, u mid-dokument *causa mortis*, esebit bhala Dok A (fol 5-9). Illi waqt it-trasferiment ta’ proprjeta` formanti parti mill-assi ereditarji tad-decujus Giuseppina sive Josephine Galea, rriskontraw diffikulta minhabba isem missier it-testatrici Josephine Galea, hekk kif imnizzel fic-certifikat tal-mewt tieghu numru 1999 tas-sena 1973. B’hekk, ipprocedew bil-kaz odjern.

Illi ikkonsidrat, li mill-atti esebiti mar-rikors promotur, rigward id-defunt Giovanni Battista Galea, jirrizulta li fl-att tat-twelid tieghu numru 695 tas-sena 1898, Dok C (fol 39), u fic-certifikat taz-zwieg numru 422 tas-sena 1925, Dok D (fol 40) kif ukoll fic-certifikat tal-mewt numru 2422 tas-sena 2004, ta’ bintu Antonia Caruana, Dok E (fol 41) huwa indikat bhala “Gio Batta`”, jew “Giovanni Battista”.

Jigi osservat, li fl-att tat-twelid ta’ Gio Batta Galea esebit bhala Dok DRP1 (fol 53), ismu huwa indikat bhala “Gio Batta`” mar-risposta tal-intimat. Illi *in vista* ta’ dak eccepit mill-istess intimat, li m’hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, sakem l-isem jigi korrett ghal “Gio Batta`”, issib li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel ma' dak eccepit mid-Direttur intimat, li ma jirrizultax li sar xi zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, *stante* li dak imnizzel fl-att tal-mewt huwa skont dak dikjarat mid-dikjarant li ghamel in-notifika ta' tali mewt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tal-mewt numru 1999 tas-sena 1973, fis-sens li l-isem li jidher hemm "Joseph Baptist Galea" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Gio Batta` Galea".

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**06 ta' April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**06 ta' April 2017**